MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

[Nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ebda kunsillier ma qal illi mhux se jattendi.

## 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

61.2.1 B'referenza għal punt nru. 59.2.3 il-Viċi Sindku staqsa jekk se ssir tabella biex tindika li residenti jistgħu jipparkjaw fl-Alighting and Boarding barra l-BluBay. Is-Sindku ssekondaħ. Il-ħinijiet se jkunu bejn is-7pm u 7am.

61.2.2 B'referenza għall-punt nru. 59.2.5 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Adelphi qed jaħdem b'mod differenti kif kienu qablu fuq WhatsApp, fejn il-parkeġġ [yellow boxes] qed tintuża bħala parti mit-triq.

61.2.3 Rigward punt nru. 59.3.1 is-sid ta' Cherubino qal illi x-xufier jiġi bejn l-10am u 2pm. Il-Kunsill talab għal kjarifikazzjoni ħalli jgħid liema ġranet huma ideali.

Il-kunsilliera Graziella Attard Previ daħlet fis-5.43pm
Il-kunsillier Wayne Hewitt daħal fis-5.44pm.

61.2.4 Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera li waslu li waqt laqgħat tal-Kunsill, il-kunsilliera m'għandomx jiftħu pakketti tal-krips, eċċ. Żied illi wieħed ma jarax lill-Ministri jiftħu pakketti waqt seduti parlamentari u għandna nzommu d-dixxiplina.

61.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ra x'tip ta' bins hemm għall-Pjazza Meme Scicluna [ref punt 59.6.1] peress illi dawk illi għandom il-kuntrattur tal-Kunsill ma kienux kif rieduhom il-kunsilliera.

61.2.6 B'referenza għal punt 59.6.2 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pulizija jafu dwar il-gallerija u kkonfermaw li se jieħdu ħsieb.

61.2.7 B'referenza għal punt nru. 59.6.5 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk mhux se nkomplu nagħmlu użu tas-sala ta triq San Albert, għandna ngħidu lis-sid tal-propjeta ħalli jkun jista jagħmel użu tas-sala. Fakkar illi l-kuntratt tiskadi fl-aħħar ta' Ottubru. Is-Sindku qal illi m'hemmx bzonn is-sala. Il-kunsillier Wayne Hewitt issekondaħ.

## 61.3 Korrespondenza mas-Sindku

61.3.1 Is-Sindku qal illi rċieva telefonata mill-Onor. Ian Borg li qal illi se jkun hemm bzonn illi l-parking bays li saru barra l-KFC minħabba l-konġestjoni li qed ikun hemm max-Xatt. Qal illi jixtieq jissuġġerixxa li ssir bħal Rue D'Argens, l-Imsida fejn ikun hemm timed-parking.
Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi qed topponi l-idea għar-raġuni li qegħdin nitilfu parking spaces bl-addoċċ u ħadd ma ġie b'soluzzjoni għall-problema minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ. Il-kunsillier qal illi jekk TM se jieħdu l-parkings għax hemm bzonn jifhem izda xorta

hemm bzonn soluzzjoni għall-problema ta' parking li hemm fil-lokalita. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi dawn id-deċiżjonijiet mhux qed jittieħdu fl-interess tar-residenti. Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa jekk irċevejna korrispondenza rigward il-proġett ta' Manoel Island. Għamel talba biex il-MIDI jibagħtu time-frames għar-rapporti u Public Consultation.

61.3.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li bħala Kunsill Lokali nagħtu token ta' apprezzament lit-timijiet tal-futbol, kif ukoll lit-tim tal-basketball, għas-suċċessi tagħhom dal-istaġun. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

61.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mingħand il-Kazin tal-Banda li għamlu talba biex jagħmlu BBQ f'triq Manoel de Vilhena u riedu jkunu jafu jekk il-Kunsill jista jikkollabora billi jordna mobile toilets u bins on wheels. Is-Sindku qabel. Il-Viċi Sindku ssekondah.

61.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħtna ċekk ta' €233/sena biex inħalsu l-kirja ta' tlett snin għall-ġnien [2015-2018]

61.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Posh Turkish qegħdin jappellaw id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Planning peress illi ma ingħatawx il-permess biex joħorġu imwejjed u siġġijiet f'post pubbliku.

61.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mingħand il-Kazin tal-Banda li xtaqu jkunu jafu jekk il-Kunsill lest jirriklama fuq il-fuljett tagħhom. Is-Sindku ppropona li nibagħtu l-istess poster bil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Il-Viċi Sindku ssekondah.

61.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qara talba biex persuna juża parti mill-ġnien għat-tombla fis-sajf. Is-Sindku ppropona li jaħdem l-istess mod bħal snin preċedenti. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

61.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi żewġ kumpaniji tat-Textiles għamlu talba biex jibdew joperaw fil-lokalita. Wara diskussjoni l-Kunsill ħass illi m'hemmx għalfejn inkun marbutin ma' kumpanijia waħda la m'hemm l-ebda ħlas. Għamlu talba għal iżjed informazzjoni.

## 61.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

61.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 61.5 Rapporti

61.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxxa ammont ta'garanzija fuq il-bankina:

269 Rue D'Argens: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

404 Rue D'Argens : Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

87/89 William Reid: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

35 Gerry Zammit: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

76 triq ir-Rebħa c/w Reid: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

61.5.2 **Bye-law [kostruzzjoni]**: Ġie diskuss id-dokument. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta l-bye law. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-passi meħtieġa se jittieħdu biex nissommettu l-bye-law skond il-liġi.

61.5.3 **Eforms:** Is-Segretarju Eżekuttiv ta lista tal-applikazzjonijiet kollha li approvaw TM. Dawn kienu:

Triq Reggie Miller: TM ma approvawx illi jsiru crash barriers ma' ġenb id-dar li hemm mall-kantuniera.
Triq ix-Xatt: Chef's Choice Un/Loading: TM ma approvawx l-applikazzjoni.
Triq l-Imsida: Fabian Enterprises/Nautica Enterprises: TM approvaw li ssur Un/Loading Bay.
Triq l-Imsida: TM approvaw l-applikazzjoni tal-Kunsill biex issir Zebra Crossing.
Triq Edgar Bernard: TM approvaw li ssir fishbone parking.

61.5.4 Tender Bankijiet: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm 6 bidders. Qal illi 4 minnhom ma kienux eliġibbli għal dawn ir-raġunijiet:

Wieħed kellu garanzija ta sentejn mhux ta 10 snin
Wieħed kellu garanzija ta tlett snin mhux ta 10 snin
Wieħed għamel bid f'isem kumpanija izda ffirma dokument f'isem kumpanija oħra
Wieħed bagħat drawing ta bank u ritratt ta' bank differenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ ritratti u drawings ta dawk iz-2 tenders li kienu eliġibbli. L-irħas bid kellu round bars u l-Viċi Sindku qal illi dawk se jkunu skomdi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-bidder għandu jikkonferma kjarifiċi qabel ma nkomplu izda jekk ma jkunx eliġibbli t-tieni wieħed jirbaħ it-tender.

Il-kunsillier Wayne Hewitt għamel talba biex ikun skużat mil-laqgħa fl-7.10pm.

61.5.5 World Cup Village: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikant għandu d-dokumenti meħtieġa mingħand il-pulizija, TM, kif ukoll għandom Health and Safety Officer li qed jieħu ħsieb illi jkun hemm sigurtà fuq il-post il-ħin kollu. Żied illi se jieħdu ħsieb ukoll l-aċċess għal pushchairs u wheelchairs.

61.5.6 Triq ir-Rebħa: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mal-tlett kuntratturi li ħadmu ġewwa triq ir-Rebħa u li għamlu ħsara fuq il-bankina minħabba l-makkinarju li użaw għall-proġetti tagħhom. Dawn qablu unaniment li x-xogħol issir bl-ispejjez tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-perit għandu jibgħat il-BOQ u li WSC aċċettaw li fl-istess ħin jieħdu ħsieb il-pipes illi hemm fl-istess parti tat-triq.

## 61.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

61.6.1 Pjazza Meme Scicluna: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien irċieva talba mingħand il-Viċi Sindku biex il-Kunsill jerġa jikkunsidra li nneħħu l-bankina fejn hemm l-istatwa ta' Meme Scicluna u nagħmlu parkeġġ. Il-kunsillier Joe Galea qal illi se jirrepeti li qal fil-passat illi ftit li xejn se niggwadanjaw parking. Wara diskussjoni fuq proġett li kien ġie diskuss f'laqgħa preċedenti

rigward il-possibilita ta' underground parking, ġie kkunsidrat li nfasslu l-pjanti qabel ma jibdew isiru xogħolijiet fejn il-policlinic ħalli kollox issir f'daqqa.

61.6.2 Znazan: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex nevitaw il-problemi tas-sena l-oħra ġabar stima għas-servizz mingħand Pest Control li jiċċarġjaw €55 għal kull call jew €45 jekk nibagħtu 5 rapporti f'daqqa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huwa importanti li meta l-kunsilliera jirċievu rapporti jindikaw eżatt fejn qegħdin. Fakkar ukoll illi l-liġi tgħid illi bħala Kunsill Lokali m'għandna l-ebda dritt nidħlu ġewwa postijiet privati, wara li s-sena l-oħra bdejna nirċievu talbiet simili li ma ġewx aċċettati. Is-Sindku qal illi jekk ikun hemm znazan fil-propjeta tan-nies, m'hemm xejn li jwaqqafhom milli joħorġu ġo postijiet pubbliċi u jemmen illi għandna nieħdu azzjoni xorta waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed jikkwota l-liġi. Aħna nieħdu l-calls tan-nies u l-kuntrattur jara hu x'jista u x'ma jistax jagħmel.

61.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi grazzi għall-ħidma tal-impjegat tal-Kunsill li għandu pożizzjoni ta' PAO, il-Kunsill rebaħ premju tal-Malta Waste Reduction Awards 'Most innovative Reuse Initiative' kif ukoll €1000. Il-kunsilliera rringrazzjaw lill-impjegat.

61.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-kunsilliera jekk għandom ħsieb illi nordnaw mobajl toilets għax-Xatt kif għamlu fi snin preċedenti ħalli jiġbor stimi. Kien hemm qbil.

61.6.5 Il-Viċi Sindku staqsa jekk se nkomplu is-Summer Nights matul is-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda talba. Il-Kunsill qabel illi għandna nzommu l-area attiva u n-nies japprezzaw dawn l-affarijiet.

## 61.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

61.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

61.7.2 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti tal-Petty Cash

## 61.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.8.1 Il-laqgħa intemmet fid-9pm u ġiet aġġornata għat- 28 ta' Ġunju 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |